**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2016

| | | |
|---|---|---|
| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL-ĦIN: 30 min |

Marka Totali: 20 marka

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEM



**Merħba!**

**Matul is-sessjoni tas-smigħ se tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se jinqraw darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2 u 3.**

**----------------Waqfa ta' 10 sekondi --------------------**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.

**----------------Waqfa ta' 25 sekonda --------------------**

Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

**Il-Leġġenda**

Leġġenda hija storja li hi marbuta ma' xi post li veru jeżisti. Jista' jkun ukoll li nbniet madwar xi oġġett partikulari jew persuna vera li eżistiet, kif ukoll persuna fittizja. Ħafna drabi jiġri li parti żgħira biss tkun vera minn din l-istorja, iżda tant ikun għadda żmien u tant ikunu rrakkuntawha nies, li ma tkunx tista' tgħid x'kien ġara eżatt.
Dawk li huma mibnija fuq xi misteru jħalluk taħseb u tistaqsi x'seta' kien ġara. Dan ukoll għax qabel mhux kulħadd kien ikun kapaċi jirrapporta fid-dettal xi jkun ra u barra minn hekk ftit kienu jafu jiktbu. Diffiċli ħafna li storja tibqa' l-istess meta tkun għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra, aktar u aktar meta kull min

irrakkuntaha żejjinha bil-fantasija tiegħu. Għalhekk insibu xi leġġendi li ħarġu minn fatt storiku li magħhom ġie minsuġ l-element sopranaturali, fejn bis-setgħa t'Alla seħħew l-għeġubijiet.

Mhux il-leġġendi kollha jispiċċaw b'wiċċ il-ġid, anzi ħafna minnhom iħallulek togħma qarsa b'xi traġedja kbira. F'Malta u Għawdex għandna diversi leġġendi marbutin ma' postijiet partikulari jew ma' personaġġi. Uħud minn dawn ir-rakkonti juru l-aspett kulturali tal-poplu tagħna matul l-istorja ta' pajjiżna. Ħafna mill-istejjer joħduna lura għal żmien l-Għarab, żmien il-furbani u l-ilsiera, żmien il-Kavallieri u t-Torok, imma hemm oħrajn li jmorru aktar lejn il-qedem saħansitra fi żmien il-preistorja.

Leġġenda hi storja li waslet għandna llum għax ta' qabilna kienu joqogħdu jgħidu dak li kienu semgħu mingħand ta' qabilhom. Immaġinaw nanna li kienet tħobb tgħid l-istejjer lin-neputijiet tagħha, jgħaddi ż-żmien, dawn jikbru u jkollhom in-neputijiet huma wkoll. Dawn jerġgħu jirrakkuntaw l-istejjer tan-nanna kif ikunu jiftakruhom huma.

***Ibbażata fuq silta ta' Guido Lanfranco***

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka b' sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

Leġġenda hija storja li tkun marbuta ma' post, oġġett jew persuna.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru tnejn:**

Ta' qabilna kienu jgħidu l-istejjer għax ħadd ma kien jaf jikteb.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru tlieta:**

Il-leġġendi kollha jispiċċaw b'wiċċ il-ġid.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru erbgħa:**

Waħda mil-leġġendi li nsibu hi dik ta' De Valette.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru ħamsa:**

Insibu leġġendi marbuta ma' Żmien il-Preistorja.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B.**

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma li tagħmel sens skont is-silta.**

**Numru wieħed:**

Il-persuna li tissemma fil-leġġenda tista' tkun vera jew ____________________.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru tnejn:**

Ħafna drabi parti ____________________ biss mil-leġġenda tkun vera.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru tlieta:**

Leġġenda li tħallik taħseb u tistaqsi x'seta' ġara tkun mibnija fuq xi ______________________.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru erbgħa:**

Ħafna leġġendi jirrakkuntaw traġedja kbira u jispiċċaw billi jħallulek togħma ______________________.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Numru ħamsa:**

Leġġenda kienet tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra billi n-nanniet kienu jgħidu l-istejjer lin-neputijiet, u dawn jerġgħu ______________________ l-istejjer tan-nanna.

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**------Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -----**

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tal-Ewwel Silta:**

**Il-Leġġenda**

Leġġenda hija storja li hi marbuta ma' xi post li veru jeżisti. Jista' jkun ukoll li nbniet madwar xi oġġett partikulari jew persuna vera li eżistiet, kif ukoll persuna fittizja. Ħafna drabi jiġri li parti żgħira biss tkun vera minn din l-istorja, iżda tant ikun għadda żmien u tant ikunu rrakkuntawha nies, li ma tkunx tista' tgħid x'kien ġara eżatt.

Dawk li huma mibnija fuq xi misteru jħalluk taħseb u tistaqsi x'seta' kien ġara. Dan ukoll għax qabel mhux kulħadd kien ikun kapaċi jirrapporta fid-dettal xi jkun ra u barra minn hekk ftit kienu jafu jiktbu. Diffiċli ħafna li storja tibqa' l-istess meta tkun għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra, aktar u aktar meta kull min

irrakkuntaha żejjinha bil-fantasija tiegħu. Għalhekk insibu xi leġġendi li ħarġu minn fatt storiku li magħhom ġie minsuġ l-element sopranaturali, fejn bis-setgħa t'Alla seħħew l-għeġubijiet.

Mhux il-leġġendi kollha jispiċċaw b'wiċċ il-ġid, anzi ħafna minnhom iħallulek togħma qarsa b'xi traġedja kbira. F'Malta u Għawdex għandna diversi leġġendi marbutin ma' postijiet partikulari jew ma' persunaġġi. Uħud minn dawn ir-rakkonti juru l-aspett kulturali tal-poplu tagħna matul l-istorja ta' pajjiżna. Ħafna mill-istejjer joħduna lura għal żmien l-Għarab, żmien il-furbani u l-ilsiera, żmien il-Kavallieri u t-Torok, imma hemm oħrajn li jmorru aktar lejn il-qedem saħansitra fi żmien il-preistorja.

Leġġenda hi storja li waslet għandna llum għax ta' qabilna kienu joqogħdu jgħidu dak li kienu semgħu mingħand ta' qabilhom. Immaġinaw nanna li kienet tħobb tgħid l-istejjer lin-neputijiet tagħha, jgħaddi ż-żmien, dawn jikbru u jkollhom in-neputijiet huma wkoll. Dawn jerġgħu jirrakkuntaw l-istejjer tan-nanna kif ikunu jiftakruhom huma.

***Ibbażata fuq silta ta' Guido Lanfranco***

**Tmiem l-ewwel silta**

**----------------Waqfa ta' 3 sekondi --------------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka b'sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**

**Numru wieħed:**

Leġġenda hija storja li tkun marbuta ma' post, oġġett jew persuna.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Ta' qabilna kienu jgħidu l-istejjer għax ħadd ma kien jaf jikteb.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tlieta:**

Il-leġġendi kollha jispiċċaw b'wiċċ il-ġid.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru erbgħa:**

Waħda mil-leġġendi li nsibu hi dik ta' De Valette.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru ħamsa:**

Insibu leġġendi marbuta ma' Żmien il-Preistorja.

Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B.**

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi b'kelma li tagħmel sens skont is-silta.**

**Numru wieħed:**

Il-persuna li tissemma fil-leġġenda tista' tkun vera jew ______________________.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Numru tnejn:**

Ħafna drabi parti ______________________ biss mil-leġġenda tkun vera.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru tlieta:**

Leġġenda li tħallik taħseb u tistaqsi x'seta' ġara tkun mibnija fuq xi _____________________.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru erbgħa:**

Ħafna leġġendi jirrakkuntaw traġedja kbira u jispiċċaw billi jħallulek togħma _____________________.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Numru ħamsa:**

Leġġenda kienet tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra billi n-nanniet kienu jgħidu l-istejjer lin-neputijiet, u dawn jerġgħu _____________________ l-istejjer tan-nanna.

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

------**Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb** -----

**Issa ngħaddu għat-tieni silta.**

Nitolbok issib paġna 3 u 4.

-----------------**Waqfa ta' 5 sekondi** ------------------

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

-------------- **Waqfa ta' 45 sekonda** --------------

**Issa se tinqara t-tieni silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

-------------- **Waqfa ta' 3 sekondi** --------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Jum il-Ġenituri**

Ir-Ronnie kellu tewmin, Samantha u Jesmond. Huma kienu jmorru f'żewġ skejjel sekondarji biswit xulxin, waħda għall-bniet u l-oħra għas-subien. Meta jasal Jum

il-Ġenituri, ir-Ronnie kien imur ikellem lill-għalliema ta' ibnu, waqt li Doris kienet tagħmel l-istess ma' dawk li kienu jgħallmu lil binthom.

F'ħakka t'għajn Doris rat lill-għalliema kollha u marret tiltaqa' mar-Ronnie, li kien għadu jistenna fl-ewwel kju.

"Jien lesta. Int kemm baqagħlek?"

"Jien għadni ma rajt lil ħadd. Dan l-ewwel wieħed."

"X'inhu? Ilek hawn siegħa u ma rajt 'il ħadd?"

"Għadu ma ġiex," wieġeb ir-Ronnie.

"Mela għax ma mortx tara lill-oħrajn sakemm jiġi?"

"M'iniex waħdi," qalilha, "hawn ħafna qabli."

"Dażgur li m'intix waħdek. Imma dawn li hawn qablek l-ewwel raw lill-oħrajn, imbagħad ġew hawn jistennew lill-aħħar wieħed.

L-għalliem tal-matematika kien għadu ma ġiex għax kien qed jirreffja l-finali tal-kompetizzjoni tas-snûker fil-każin tal-banda, u kellu l-permess tas-surmast biex jasal tard. Għalhekk kellu ħafna nies jistennew.

Il-ħoss tal-karozza tipparkja fil-bitħa tal-iskola u d-dwal qawwija li mlew il-kuritur ħabbru l-wasla tas-Sur Chetcuti.

"Min hu l-ewwel?" staqsa l-għalliem hekk kif poġġa bilqiegħda.

Ir-Ronnie kien se jkollu l-isbaħ siegħa jistenna qabel imissu. Doris iddejqet u telqet. Ir-Ronnie pprova jqabbad sigarett u ra lill-purtinar ġej jiġri fuqu u jġagħlu jitfih.

"Xi ħadd jiftaħ naqra t-tieqa, jekk jogħġobkom," talab is-Sur Chetcuti. Ir-Ronnie telaq jiġri biex jiftaħha u kif ġie lura sab li kienu qabżuh dawk kollha li kienu warajh. Ir-Ronnie ħares lejn il-purtinar li kien qed iħares lejh b'ħarsa biċ-ċiera, u dawwar rasu n-naħa l-oħra biex ma jarahx.

Meta r-Ronnie daħal quddiem l-għalliem inħakem minn biża' kbira, weħillu lsienu u ma felaħx jitkellem.

"X'jismu t-tifel?" staqsieh l-għalliem.

"Liema wieħed?"

"X'jiġifieri liema wieħed? Dak li qiegħed fil-klassi tiegħi."

Ir-Ronnie ma weġibx.

Il-purtinar, li kien qed jisma' kollox, qam jiġri minn fuq il-banketta, resaq lejn l-għalliem, u qallu b'leħen għoli:

"Sur Chetcuti, jien ili hawn mis-sebgħa ta' filgħodu, jekk biħsiebek toqgħod hawn għidli ħa nħallilek il-muftieħ. Imma jien sejjer."

L-għalliem qam minn postu, ġabar il-karti li kellu quddiemu, u telaq. Ir-Ronnie baqa' wieqaf qisu stordut sakemm ġabu f'sensih il-purtinar.

"Oħroġ! Oħroġ ħa nitfi!"

Ir-Ronnie mexa l-aħħar erba' passi mill-bieb ewlieni tal-iskola fi dlam ċappa, u mar ifittex il-karozza.

Addattata minn *'Aktar stejjer tar-Ronnie'* ta' *Joe Friggieri*

**Tmiem it-tieni silta**

**-------------- Waqfa ta' 3 sekondi --------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.**

**Numru wieħed:**

Samantha u Jesmond kienu (aħwa, kuġini, ħbieb).

**Numru tnejn:**

(Is-surmast, Ir-Ronnie, Il-purtinar) kien ilu l-iskola mis-sebgħa ta' filgħodu.

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka b'sinjal (✓) il-ħames (5) frażijiet VERI dwar is-Sur Chetcuti. L-ewwel ħa naqralek l-ewwel kolonna u wara se naqralek it-tieni kolonna.**

Is-Sur Chetcuti:
kien "referee" tas-snûker. **(2 sekondi)**

kellu tifel jismu Jesmond. **(2 sekondi)**

kien is-surmast. **(2 sekondi)**

kien għalliem tal-matematika. **(2 sekondi)**

kien jgħallem lil Samantha. **(2 sekondi)**

kien il-purtinar. **(2 sekondi)**

ried it-tieqa miftuħa. **(2 sekondi)**

wasal tard. **(2 sekondi)**

qabbad sigarett. **(2 sekondi)**

pparkja fil-bitħa tal-iskola. **(2 sekondi)**

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

**Issa se naqralek Taħriġ Ċ.**

**Taħriġ Ċ**

**Imla l-vojt b'espressjonijiet mis-silta.**

**Numru wieħed:**

Doris ma damitx biex tara l-għalliema kollha, anzi għamlet dan

___________________________________.

**Numru tnejn:**

Ir-Ronnie tant beża' xħin daħal quddiem l-għalliem li

___________________________________ u ma felaħx jitkellem.

**Numru tlieta:**

Il-purtinar tefa d-dawl u r-Ronnie ħareġ mill-iskola fi

___________________________________.

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

**Il-Qari tat-Tieni Silta:**

**Jum il-Ġenituri**

Ir-Ronnie kellu tewmin, Samantha u Jesmond. Huma kienu jmorru f'żewġ skejjel sekondarji biswit xulxin, waħda għall-bniet u l-oħra għas-subien. Meta jasal Jum il-Ġenituri, ir-Ronnie kien imur ikellem lill-għalliema ta' ibnu, waqt li Doris kienet tagħmel l-istess ma' dawk li kienu jgħallmu lil binthom.

F'ħakka t'għajn Doris rat lill-għalliema kollha u marret tiltaqa' mar-Ronnie, li kien għadu jistenna fl-ewwel kju.

"Jien lesta.  Int kemm baqagħlek?"

"Jien għadni ma rajt lil ħadd.  Dan l-ewwel wieħed."

"X'inhu? Ilek hawn siegħa u ma rajt 'il ħadd?"

"Għadu ma ġiex," wieġeb ir-Ronnie.

"Mela għax ma mortx tara lill-oħrajn sakemm jiġi?"

"M'iniex waħdi," qalilha, "hawn ħafna qabli."

"Dażgur li m'intix waħdek.  Imma dawn li hawn qablek l-ewwel raw lill-oħrajn, imbagħad ġew hawn jistennew lill-aħħar wieħed.

L-għalliem tal-matematika kien għadu ma ġiex għax kien qed jirreffja l-finali tal-kompetizzjoni tas-snûker fil-każin tal-banda, u kellu l-permess tas-surmast biex jasal tard.  Għalhekk kellu ħafna nies jistennew.

Il-ħoss tal-karozza tipparkja fil-bitħa tal-iskola u d-dwal qawwija li mlew il-kuritur ħabbru l-wasla tas-Sur Chetcuti.

"Min hu l-ewwel?" staqsa l-għalliem hekk kif poġġa bilqiegħda.

Ir-Ronnie kien se jkollu l-isbaħ siegħa jistenna qabel imissu.  Doris iddejqet u telqet.  Ir-Ronnie pprova jqabbad sigarett u ra lill-purtinar ġej jiġri fuqu u jġagħlu jitfih.

"Xi ħadd jiftaħ naqra t-tieqa, jekk jogħġobkom," talab is-Sur Chetcuti.  Ir-Ronnie telaq jiġri biex jiftaħha u kif ġie lura sab li kienu qabżuh  dawk kollha li kienu warajh.  Ir-Ronnie ħares lejn il-purtinar li kien qed iħares lejh b'ħarsa biċ-ċiera, u dawwar rasu n-naħa l-oħra biex ma jarahx.

Meta r-Ronnie daħal quddiem l-għalliem inħakem minn biża' kbira, weħillu lsienu u ma felaħx jitkellem.

"X'jismu t-tifel?" staqsieh l-għalliem.

"Liema wieħed?"

"X'jiġifieri liema wieħed?  Dak li qiegħed fil-klassi tiegħi."

Ir-Ronnie ma weġibx.

Il-purtinar, li kien qed jisma' kollox, qam jiġri minn fuq il-banketta, resaq lejn l-għalliem, u qallu b'leħen għoli:

"Sur Chetcuti, jien ili hawn mis-sebgħa ta' filgħodu, jekk biħsiebek toqgħod hawn għidli ħa nħallilek il-muftieħ.  Imma jien sejjer."

L-għalliem qam minn postu, ġabar il-karti li kellu quddiemu, u telaq.  Ir-Ronnie baqa' wieqaf qisu stordut sakemm ġabu f'sensih il-purtinar.

"Oħroġ!  Oħroġ ħa nitfi!"

Ir-Ronnie mexa l-aħħar erba' passi mill-bieb ewlieni tal-iskola fi dlam ċappa, u mar ifittex il-karozza.

Addattata minn *'Aktar stejjer tar-Ronnie'* *ta' Joe Friggieri*

**Tmiem it-tieni silta**

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

**Issa se naqralek Taħriġ A.**

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.**

**Numru wieħed:**

Samantha u Jesmond kienu (aħwa, kuġini, ħbieb).

**Numru tnejn:**

(Is-surmast, Ir-Ronnie, Il-purtinar) kien ilu l-iskola mis-sebgħa ta' filgħodu.

**Issa se naqralek Taħriġ B.**

**Taħriġ B**

**Immarka b'sinjal (✓) il-ħames (5) frażijiet VERI dwar is-Sur Chetcuti. L-ewwel ħa naqralek l-ewwel kolonna u wara se naqralek it-tieni kolonna.**

Is-Sur Chetcuti:

kien "referee" tas-snûker. **(2 sekondi)**

kellu tifel jismu Jesmond. **(2 sekondi)**

kien is-surmast. **(2 sekondi)**

kien għalliem tal-matematika. **(2 sekondi)**

kien jgħallem lil Samantha. **(2 sekondi)**

kien il-purtinar. **(2 sekondi)**

ried it-tieqa miftuħa. **(2 sekondi)**

wasal tard. **(2 sekondi)**

qabbad sigarett. **(2 sekondi)**

pparkja fil-bitħa tal-iskola. **(2 sekondi)**

**------- Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb -------**

**Issa se naqralek Taħriġ Ċ.**

**Taħriġ Ċ**

**Imla' l-vojt b'espressjonijiet mis-silta.**

**Numru wieħed:**

Doris ma damitx biex tara l-għalliema kollha, anzi għamlet dan

______________________________________.

**Numru tnejn:**

Ir-Ronnie tant beża' xħin daħal quddiem l-għalliem li

___________________________________ u ma felaħx jitkellem.

**Numru tlieta:**

Il-purtinar tefa d-dawl u r-Ronnie ħareġ mill-iskola fi

___________________________________.

**--------------- Waqfa ta' 3 sekondi ---------------**

Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.

**--------------- Waqfa ta' 2 minuti ---------------**

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**

**TMIEM IL-KARTA**